# SAN PUBLJU
## QADDIS PATRUN TAL-GŻEJJER MALTIN

Kitba ta' **Frans H. Said**

Qabel ma nidħol fil-qofol tal-kitba tiegħi, nixtieq li nispjega fid-dettal xi jfisser qaddis patrun u kif dan ikun iddikjarat mill-Papa. Din hija tradizzjoni ferm antika. L-għażla tal-patrun isseħħ bil-għajnuna tal-awtorità ekkleżjastika.

L-ewwelnett irridu nkunu nafu sew il-Qaddis Patrun. Tali qaddis ikun dak il-bniedem ikkanonizzat li bi tradizzjoni, b'għażla jew b'interċessjoni minn Alla, ikun meqjus bħala l-avukat ta' lokalità partikolari u bħala tali jkun onorat mill-knisja, mill-kleru u mill-poplu b'ritwali u ċerimonji speċjali bħala osservazzjoni reliġjuża. It-termini ta' Qaddis Patrun hu ferm aktar minn dak tat-titular ta' xi knisja jew parroċċa. Importanti li kwalunkwe qaddis patrun irid diġà ġie kkanonizzat skont l-esiġenzi, ir-ritwali u n-normi tal-knisja.

### X'INHI L-PROĊEDURA?

Interessanti li dawn l-avvenimenti speċjali kollha seħħew qabel ma kien beda l-inkwiet tal-mibegħeda u t-tnassis meta l-Floriana kienet saret parroċċa independenti u xi kanonċi ħalfu vendetta għaliex kienu tilfu l-introjtu minn dik iż-żona. Mhux kulħadd jaħdem għall-glorja ta' Alla imma ħafna huma dawk li l-ewwel ifittxu l-but u l-vanaglorja.


Urbanus VIII. Barberinus Pontifex Max:
P.P. Rubens pinxit.

Għalkemm id-devozzjoni popolari hija importanti, l-għażla trid isseħħ skont in-normi u taħt il-gwida tal-awtorità ekkleżjastika. Il-Papa Urbanu VIII (fit-23 ta' Marzu 1683), kien stabbilixxa r-regoli li jiggwidaw lill-fidili dwar l-għażla ta' qaddisin patruni ta' knejjes, bliet u pajjiżi. L-għażla ewlenija għandha tkun ta' dawk l-irġiel u nisa magħrufin għall-mirakli li wettqu, il-qdusija tagħhom jew il-ministeru appolostiku fil-konverżjoni ta' nazzjon jew it-tixrid tal-Vanġelu. (Acta S. Sedis, XI, 292).

Matul is-snin u s-sekli, kull knisja bdiet tkun iddedikata lejn xi qaddis partikulari. L-għażla ta' qaddis partikulari tiddependi minn ħafna ċirkustanzi. Bħala regola, dawn iridu jkunu wettqu, jew huma f'waħda minn dawn il-kategoriji:

- (1) Li l-knisja, jew il-komunità jkollhom parti importanti bħala relikwija tal-qaddis.
- (2) L-isforzi tiegħu fit-tħabbir tal-evanġejlu.
- (3) Ix-xogħol imwettaq minnu flimkien mat-tip tal-mewta tiegħu.
- (4) Li l-poplu jkun diġà ikkunsidrah bħala l-qaddis patrun.
- (5) Id-devozzjoni speċjali bħala l-fundatur tal-knisja ta' dak il-lokal.
- (6) L-ispirtu ekkleżjastiku skont id-devozzjoni ta' dak iż-żmien partikulari.

### L-GĦAŻLA TAL-QADDISIN

Għandu jkun apprezzat li kull knisja, tempju jew kappella huma, u minn dejjem kienu, iddedikati lil Alla. Dedikazzjonijiet oħrajn huma miżjuda fuq livell differenti. B'hekk, per eżempju, knisja tkun iddedikata lil Alla b'unur tal-Verġni Mqaddsa jew tal-qaddisin. Għamla tipika hija din segwenti: *"Deo sacrum in honorem deiparæ immaculatæ et SS. Joannis Baptistæ et Evangelistæ."*

Fis-sena 1190 il-knisja kolleġġjata ġewwa Dublin kienet iddedikata "lil Alla, lis-Sinjura Tagħna Imqaddsa, u lil San Patrizju". Ħafna drabi, fost numru ta' qaddisin

imsemmija, il-qaddis patrun ikun imsemmi b'mod partiklari bħal ma seħħ fid-dedikazzjoni tal-kappellati f'Arngask (l-Iskozja) fis-sena 1527, "għat-tifħir, għall-glorja, u l-unur tat-Trinità Mingħajr Diviżjoni, tal-Verġni ferm Glorjuża u San Kolumba, Abbati, il-patrun tal-parroċċa tagħna".




Il-qaddisin patruni f'diversi pajjiżi igawdu minn aspett partikulari u tipiku ta' dak il-pajjiż partikulari. Imma l-qofol kollu hu, li ebda qaddis, jew qaddisa patruni, ma jistgħu ikunu hekk iddedikati u mogħtija qima, jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni sħiħa tal-Vatikan; u dan wara li jkunu saru l-istudji u l-verifiki kollha meħtieġa.

## SAN PUBLJU QADDIS PATRUN TAL-GŻEJJER MALTIN

Issa dan kollu li rreferejt dwaru hawn fuq għandu jkun ikkunsidrat flimkien mad-dikjarazzjoni tal-Papa Pawlu V li fis-sena 1610 kien iddikjara lil San Publju bħala wieħed mill-patruni tal-gżejjer tagħna. Il-Papa Pawlu V kien ferm strett dwar il-ġurisdizzjoni ekleżjastika u qabel ma kien jieħu xi deċiżjoni, kien iqis sewwa l-fatturi kollha u l-konsegwenzi tad-digrieti tiegħu. Għalhekk, fir-riċerka tiegħi, kont imnebbaħ minn dawk il-Papiet, kemm minn Pawlu V li wera bla ebda dubju li huwa kien persważ u sodisfatt bil-qdusija u l-martirju ta' Publju, u wkoll mill-Papa Ljun XIII li ddikjara lil San Beda bħala duttur tal-knisja.




## SAN PUBLJU UNUR TAL-GŻEJJER MALTIN

Mela, meta wieħed jistudja u jifli fid-dettal dan kollu jintebaħ, li mhux biss li l-papiet kienu ikkonfermaw il-qdusija u l-evanġelizzazzjoni mwettqa minn San Publju, imma komplew jikkonfermaw dak li kien skopra, studja u ppubblika San Beda, wieħed mill-ftit dutturi tal-knisja. Bħal ma jingħad ċar, biex il-Papa jinnomina xi qaddis patrun, ried ikun hemm ċertezza li tali qaddis kien diġà ġie kkanonizzat.

Mela, meta San Publju kien uffiċjalment u b'mod liturġiku, ġie maħtur qaddis patrun ta' Malta, huwa kien awtomatikament ikkonferma, il-kitbiet ta' San Beda u li San Publju kien qaddis kbir, qaddis li mhux biss xerred il-vanġelu fil-gżejjer tagħna, imma wkoll fil-Belt ta' Ateni u tal-madwar, fil-belt fejn kien irċieva l-martirju fl-arena tal-iljuni fil-21 ta' Jannar 118 AD.

## IL-FATTI HUMA SAGROSANTI

Għalhekk, tħallu lil ħadd iqarraq bikom u jdaħħlilkom f'raskom xi gideb jew qerq. Jiena nisfida lil kull min irid jipprova jwaqqa' u jxejjen l-argumenti tiegħi. Dak li seħħ xi snin ilu, b'konfoffa mxajtna ta' żewġ patrijiet, (forsi mgħowwija bi skopijiet personali) li daħħlu l-mibegħeda, l-ħdura, il-vendetta u l-vendikazzjoni, waqt li nsew li kienu ministri ta' Kristu. B'dispjaċir kbir nistqarr, li dan seħħ bil-qerq mill-Kurja Arċiveskovili ta' dak iż-żmien, li bla ma daħlet fit-tnassis u l-qerq, aċċettat b'għajnejha magħluqa, il-gideb li kien ippreżentat lilha b'mod malinn.

Imma l-fatti huma dawn, u l-fatti huma sagrosanti.

*Jannar 2016*